MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2004

Avviz Numru. 190/2004

**Avviz numru 190/04 DM**

**Aluserv Ltd**

**Vs**

**Lily Properties u/jew Lilly Properties Ltd jew min minnhom**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti jew minnhom, ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, tmin mija sitta u tmenin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm3,886.55) rapprezentanti xoghol ta' 'aluminium' minnhom ordnat u kkonsenjat kif ukoll imwahhal.

Bl-ispejjez tal-ittra bonarja u tal-mandat ta' qbid u bil-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici, u lanqas ma deheru fis-seduta tal-lum biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant, il-Qorti qeghda tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' tlett elef, tmin mija sitta u tmenin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm3,886.55) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------